MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 821/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Martin Cassar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Martin Cassar.**

**Vs**

**Andrew Scicluna u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2001 Lloyds (Malta) Insurance Agency Limited interveniet "in statu et terminus" f'din il-kawza**

Il-Qorti,

Ra l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma ta' elf, hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,555.30) li jinkludu tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28) 'Excess' mhallas mill-assikurat Martin

Cassar rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilisitku tat-8 ta' Awissu, 2000, gewwa Pjazza San Pawl, Hamrun, bejn il-vettura numru HAS 369 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru CBF 218 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Martin Cassar, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April, 2001 ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bil-qima:-

Illi dak li talbet is-socjeta attrici ghandu jigi michud bl-ispejjes billi ghall-incident stradali mertu tal-avviz kien jahti Martin Cassar.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

B'riserva ta' kull azzjoni talvolta spettanti lill-eccipjent.

Rat l-imsemmi digriet moghti fit-12 ta' Dicembru 2001 (fol 10 sa fol 12 tal-atti kif ukoll in-nota annessa mar-rikors relattiv (fol 13 sa fol 22 tal-atti) kif ukoll dik ta' "Riliev" a fol 24 u fol 25 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-iskizz u rapport maghmulin u esebiti minn PS 489 George Attard (fol 53 et seq ibid) wiehed jista' jara il-lokalita' ta' dan l-incident kif ukoll il-posizzjoni tal-vetturi involuti fl-istess incident. Dawn il-vetturi kienu dik misjuqa mill-konvenut bin-numru HAS 369, li tidher li kienet gejja b'mod angolat, minn fejn hemm 'Double Yellow lines"

ossija digriet ta' parkegg u tow zone u l-ohra misjuqa mill-attur bin-numru CBF 218, li ghadha kemm ghaddiet minn fuq 'pedestrian (zebra) crossing". Minn dak verbalizzat a fol 57 jidher li l-attur kien stqarr mal-Pulizija msemmi, illi hu kien qed jsuq fit-Triq principali u traffikuza hemm indikata, waqaf mal-imsemmi 'crossing' u kif saq, habat mal-vettura misjuqa mill-konvenut waqt li l-konvenut qal li hareg minn fejn kien parkeggat u hawnhekk il-vettura l-ohra dahlet fih.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 60 et seq ibid) meta xehed qal li kien qed jsuq lejn Blata l-Bajda u meta wasal qabel l-imsemmi "crossing', hu kien waqaf minhabba li, fuq dan, kienu qedin jaqsmu n-nies. Kif saq u jidher li qasam fuq l-istess 'crossing', giet vettura ohra minn naha tax-xellug tieghu, fejn kienet parkeggata 'kontra d-direzzjoni tat-traffiku" u habtet mal-karozza tieghu.

Illi da parti tal-konvenut (fol 62 u fol 63 ibid kif ukoll fol 73 u fol 74 ibid) ikkonferma li hu kien parkeggat kif hawn fuq di gja inghad. Hu kompla jghid illi sabiex jmur, fid-direzzjoni tal-Knisja ta' San Gejtanu, hu "….. qlajt (meta) rajt li ma kienux gejjin karozzi u waqaf vicin l-imsemmija "zebra crossing" sabiex jaqsmu n-nies fuqha. Hu kompla jghid illi, hawnhekk u ma gembu, kien hemm traffiku wieqaf gej mid-direzzjoni ta' Blata l-Bajda. Inoltre, faccata tieghu, hu kien ra l-vettura tal-attur li waqfet, ukoll, mal-istess 'crossing'. Wara li qasmu n-nies, l-attur "qala' u gie ghal fuqi". In kontro-ezami, hu qal li bejnu u l-attur faccata tieghu kien hemm 'eye contact' u ghalhekk, fi kliem il-konvenut, '… jiena seraht mohhi meta sellimna lil xulxin' kif ukoll, "Kieku ma kienx hemm 'eye contact' kienu jiena kont nirriversja ura". Hu kompla u spicca biex jghid "Jiena stennejt li Martin Cassar kien ser icedili".

Ikkunsidrat

Illi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li dak li xehed l-attur jirrispekkja dak li attwalment, gara f'dan il-kaz ossija li l-konvenut, parkeggat f'post projbit, qala', kontra d-

direzzjoni tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, minghajr id-debita kawtela u prudenza mistennija minnu sabiex jaccerta ruhu li ma kienx gej traffiku iehor. In rigward il-versjoni tal-fatti kieku l-Qorti kienet temminha, ma setghetx ma tikkumentax illi s-sewqan tal-konvenut hu wiehed censurabbli u indixxiplinat u arroganti billi hu stess qal illi hareg minn parkegg projbit (‘towzone”), waqaf fuq in-naha hazina tat-triq sabiex jistenna t-traffiku fuq ix-xellug tieghu jghaddi waqt li kien qed jostakola il-liberu passagg ta’ dak gejminn faccata tieghu oltre minnu “stennejt li Martin Cassar kien ser icedili”.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, ir-responsabilta’ ta ‘ din il-kollizzjoni ghandha tinghata ‘in toto’ lill-konvenut, minahbba sewqan da parti tieghu kif hawn fuq deskritt. Ghandu jinghad, ulterjorment, illi jidher illi l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kienetx koperta b’assikurazzjoni mas-socjetajiet li intervenew fil-kawza (ara n-nota hawn fuq imsemmija a fol 24 u fol 25 ibid).

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-‘quantum’ ta’ danni pretizi issir referenza ghall-‘affidavit’ ta’ Hugh P. Zammit (fol 32 et seq ibid) u ghad-dokumenti kollha annessi (fol 33 sa fol 43 ibid) u tara li l-ammont mitlub ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u;

1. tiddikjara lill-konvenut bhala resposabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
2. tillikwida l-ammont ta’ danni globali fis-somma ta’ Lm1555.30 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm1527.30,0 u lill-attur, Martin Cassar, is-somma ta’ Lm28 bl-imghax legali mid-19 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10.50 ta’ ittra u konsult kif ukoll tal-ittri ufficjali tad-19 ta’ April 2001 u tal-25 ta’ Settembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------